# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum it-Tnejn l-1 ta' Lulju, 2024

**Rikors Ġuramentat Numru: 265/2023 MH**
**Numru:**

**OLENA VALERIEVNA SIVE OLENA AISAUTOVA**

**VS**

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Olena Aisautova (K.I. 713919L)[1] li issa għandu jaqra Olena Valerievna sive Olena Aisautova fejn ġie premess u mitlub illi:

1. *Illi l-esponenti twieldet fl-Ukrajna fl-14 ta' Novembru 1987 u dana skont ma' jirriżulta mill-Att tat-Twelid rilaxxjat mill-awtoritajiet Ukreni hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".*

2. *Illi r-rikorrenti ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Att Dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188*

[1] B'digriet ta' din il-Qorti datat 31 ta' Jannar, 2024, ġie korrett għal għal isem indikat.

*tal-Liġijiet ta' Malta). Bhala parti mill-proċess ghall-ksib taċ-ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, l-intimat irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti fil-21 ta' Novembru 2019 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 7139, kif jirriżulta mill-Kopja Legali tal-Att tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B".*

3. *Illi kif jidher mill-istess kopja tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 7139, isem ir-rikorrenti fuq l-istess att ġie registrat bhala "Olena Valerievna". It-tieni isem " Valerievna" huwa l-isem patronomiku li jidentifika lil missier 1-attriċi "Valerii" u b'hekk mhuwiex parti mill-isem tal-esponenti. Tant hu hekk illi fil-Passaport Ukren (kopja annessa bhala Dok. "C") isem l-esponent fil-linja li turi l-isem bl-alfabett Latin huwa indikat bhala "Olena" u mhux "Olena Valerievna".*

4. *Illi l-inklużjoni tal-isem patronomiku qed tohloq konfużjoni u inkonvenjent lill-esponenti ghaliex id-dokumentazzjoni estera tirreferi ghall-isem "Olena" biss hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri.*

*Illi r-raġuni tat-talba hija li l-esponenti tixtieq li ssir korrezzjoni ta' isimha fl-Att tat-Twelid taghha registrat mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv 7139 sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrenti hija maghrufa b' mod uffiċjali u m' ghandha l-ebda ghana ohra ghajr li tirrikorri ghal din l-azzjoni.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja ddikjarazzjonijiet neċessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghġobha:-*

1. *Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv 7139 reġistrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, billi:*
   a. *Fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija", isem l-esponenti "Olena Valerievna" jiġi sostitwit b' "**Olena**";*
   b. *Fil-kolonna intestata "Isemjew Ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tiġi msejjha u l-kunjom", isem u kunjom l-esponenti "Olena Valerievna Khomyk" jiġi sostitwit b' "**Olena Khomyk**";*

*2 .Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Art. 256 tal-Kap. 16;*

*3. Tordna illi l-bdil effettwat fl-imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat Civili iehor relattiv ghar-rikorrenti.*

*L-intimat minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn ġie eċċepiet illi[2]:

1. *Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

2. *Illi preliminarjament ukoll għandha ssir korrezzjoni fl-okkju stante illi skont l-Att tat-Twelid bin-numru 7139/2019 u anke l-karta tal-identita' tal-attriċi, jidher illi isimha huwa 'Olena Valerievna' u mhux 'Olena' biss. Għalhekk għandha ssir korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi isem l-attriċi jiġi ndikat bhala 'Olena Valerievna Aisautova' jew 'Olena Valerievna sive Olena Aisautova';*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

4. *Illi l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat. Minn dak li jirriżulta mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tal-esponent:*

    a. *Skont l-Att tat-Twelid bin-numru **7139/2019** (anness u mmarkat Dok. B mar-rikors promotur), jidher illi l-attriċi twieldet ġewwa l-Ukraina bl-isem 'Olena Valerievna' u bil-kunjom 'Khomyk' nhar l-14 ta' Novembru 1987. Tali Att tat-Twelid ġie reġistrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili*

[2] Folio 15

*(Kap. 16) fejn id-DRP kien obbligat jirreplika l-partikolaritajiet hemm indikati fuq l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliza ad verbatim. Di piu', tali dettalji ġew anke konfermati fuq it-talba għar-reġistrazzjoni tat-twelid kif ukoll fuq il-konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija tal-attriċi. Vide dokumentazzjoni annessa u mmarkata* ***Dok. DRP 1****. Għalhekk zgur li ma sar ebda zball min-naha tal-esponent meta gie registrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;*

b. *L-isem 'Olena Valerievna' jidher li ġie rifless ukoll fl-Att tat-Twelid ta' binha 'Iman' bin-numru 252/2022 (vide vera kopja taċ-ċertifikat tat-Twelid anness u mmarkat* ***Dok. DRP 2****), u dana wkoll ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), fejn id-DRP rreplika l-partikolaritajiet li jidhru fl-Att tat-Twelid Brittaniku, t-talba għar-reġistrazzjoni tat-twelid u anke l-konferma taċ-ċittadinanza Maltija, vide dokumentazzjoni annessa u mmarkata* ***Dok. DRP 3****;*

c. *Madanakollu, skont l-Att taż-Żwieġ tal-attriċi bin-numru 3396/2019 (anness u mmarkat* ***Dok. DRP 4****), isem l-attriċi ġie ndikat bhala 'Olena' biss. Tali Att taż-Żwieġ ukoll ġie reġistrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Civili (Kap. 16), vide dokumentazzjoni annessa u mmarkata* ***Dok. DRP 5****;*

5. *Illi fil-kawża odjerna l-attriċi qegħda tisħaq illi 'Valerievna' huwa l-isem patronimiku tagħha u hija qatt m'għamlet użu minnu bhala t-tieni isem tagħha (kif jixhed il-passaport Ukren) u ghalhekk isimha huwa biss 'Olena';*

6. *Illi speċifikament dwar l-ewwel u t-tieni talba, salv l-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent jirrimetti ruħu;*

7. *Illi rigward it-tielet talba, sabiex it-tibdil rikjest jiġi rifless ukoll f'kull Att tal-Istat Civili tal-attriċi, ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ikun jehtieg illi l-Atti li dwarhom l-attriċi trid li jitwettaq it-tibdil jiġu speċifikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wiehed;*

8. *Magħdud mal-premess u in vista tat-tielet talba jirriżulta illi anke l-Att tat-Twelid ta' binha bin-numru 252/2022 irid jiġi korrett u għalhekk għandha ssir korrezzjoni tat-tielet talba sabiex tirrifletti dak spjegat fl-eċċezzjoni preċedenti;*
9. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u* ***<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>***

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża ukoll semgħet it-trattazzjonijiet.

Rat in partikolari li saret il-pubblikazzjoni mitluba mill-liġi għal din il-korezzjoni mitluba. [3]

Ikkunsidrat.

Illi din il-kawża mressqa ai terminu tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-iskop tal-kawża ukoll ta' l-artikolu li fuq hija msejjsa huwa biex jiġi

[3] Folio 13

korett l-Att ta' Twelid bin-numru ta' Iskrizzju progressiv 7139 li ġie registrat Malta wara li hi ħadet ċ-ċittadinanza maltija a kawza ta' naturalizzazzjoni.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi [4] fejn spjegat illi isimha kien Olena Khomyk. Minħabba ż-żwieġ tagħha ma Amir Aisautov kunjomha nbiddel b'dak ta' Aisautova. Pero meta sar ir-reġistrazzjoni mar-Reġistru Pubbliku Malti waret li ħadet iċ-ċittadinanza, ġie miżjud l-isem tal-familja ta' missierha, f'versjoni feminili allura *"Valerievna"*. Tinsisti li hi dejjem kienet magħrufa bħala Olena u mhux Olena Valerievna.

Ikkunsidrat.

Illi il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sodisfatt bil-korrezjoni ġia fuq indikata fl-isem, biex b'hekk ġiet sodisfatta t-tieni eċċezzjoni tiegħu, iddikjara li hu kien lest jistrieħ fuq l-atti kollha u provi prodotti dan wara ukoll li saret dikjarazzjoni lir-rikorrenti kienet lesta tbagħti l-ispejjeż.

**Konsegwentement, taqta' u tiddikjara illi fil-waqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sa fejn kompatibbli ma dak li se jiġi deċiż, u;**

1. **Tordna illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' 7139 reġistrat mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku;**

    a) **Fil-kolonna intestata "ismijiet mogħtija", isem l-esponenti "Olena Valerievna" jiġi sostitwit b "Olena"**
    b) **Fil-kolonna intestata "Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa u l-kunjom", isem u kunjom l-esponenti "Olena Valerievna Khomyk" jiġi sostitwit b "Olena ~~Khomjk~~[5]";**

[4] Folio 53
[5] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-28 t' Awwissu 2024 – "Khomyk"

2. **Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni u reġistrazzjoni ai termini tal-Art 256 tal-Kap 16.**

3. **Tordna illi l-bdil effettwat fl-imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu għall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat ċivili ieħor relattiv għar-rikorrenti *inkluż fl-Att ta' Twelid ta' bint ir-rikorrenti, Iman Aisaut, bin-numru 252/2022*[6].**

**Bl-ispejjeż għar-rikorrenti.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep.Reġ.**

[6] Żieda awtorizzata b'digriet tat-28 t'Awwissu 2024